# KAPITLU 2

# GEWWA L-AKKADEMJA

“ Kulhadd jinzel, jekk joghgobkom, wasalna,” qal l-anglu sewwieq filwaqt li ferfer tnejn il-gwienah tieghu biex bhallikieku jistrieh wara vjagg twil.

L-angli nizlu bil-galbu wiehed wara l-iehor u waqfu quddiem xatba kbira tad-deheb. Fuqha kien hemm il-kelmiet *“AKKAMDEMJA TA’ L-ANGLI”* miktuba b’ittri stil korsiv.

Wara x-xabta, Sim u Chaz lemhu skola kbira li biex tidhol ghaliha wiehed ried jghaddi minn tarag sabih u spazjuz ta’ l-irham. Id-dhul ghaliha kien minn portiku imzejjen b’kolonni kbar tal-gebel. Ma’ kull kolonna kien hemm anglu bi gwienah bojod miftuha jghasses biex jara li angli biss jidhlu fl-akkademja.

“Hares lejn il-gwejnah taghhom,” qalet Sim. “ X’kobor! xi bjuda!”

Chaz mill-ewwel induna x’seta’ jistenna. Kemm huwa kif ukoll l-angli l-ohra kien ser ikollhom gwejnah kbar bhal dawk ta’ l-angli ghassiesa. Dawn il-gwienah kienu ser ikun ta’ htiega waqt it-tahrig fl-Akkademja , u aktar meta jinhatru angli kustodji.

Diga’ kien hemm angli ohra quddiem ix-xatba li kellhom gwienah bhal dawn, ghalkemm mhux kollha kienu l-istess.



Gie anglu bi gwejnah qishom ta’ ajkla, kbar u sbieh miftuha qisu lest biex jitla’ fil-gholi tas-smewwiet u ndirizza lill-migemgha ta’ l-angli li kienu ghadhom kif waslu.

Hekk kif waslu u dahlu mill-bieb tad-deheb instemghet ghajta ta’ ferh minn fost l-angli li kienu temmew il-kors fl-Akkademja b’success. Thaltu maghhom u laqghuhom bi kliem ta’ ferh.

“ Ser thossukom kburin hawn,” jew “ Il-barka tal-Mulej fuqkom, hbieb,” jew “nawgurawlkom, il-Bambin maghkom.”

Waqghet il-hemda meta l-anglu li stedinhom jidhlu gewwa gholla idu biex l-ghajjat tal-folla jieqaf. Huwa wera’ tbissima helwa lil kull wiehed minnhom.

Ftit mumenti wara, instemghet qampiena ddoqq. Kien ifisser il-bidu ta’ jum ta’ hidma fl-Akkademja.

Chaz hares lejn Sim u ra li par gwejnah bdew jikbru fuq daharha. Kienu jleqqu bir-rixx abjad. Anke fuq dahru bdew

jikbru par gwejnah ohra, imma kienu differenti. Il-lewn taghhom kien griz b'tikkek suwed. Kienu differenti minn tal-kollegga tieghu Sim, imma sbieh u unici daqs taghha.

Il-gwienah ta' l-angli l-ohra kienu wkoll differenti minn taghhom, imma mhux inqas sbieh.

Hekk kif dahlu gewwa l-akkademja semghu ahbar fuq il-*loudspeakers*, " L-istudenti l-godda jekk joghgobhom jidhlu fil-ginnasju biex jorjentaw ruhhom."

Chaz beda' miexi bil-mod ghall-ginnasju, izda imbaghad hass xi haga thaxken ma' xaghru. Kienet Sim. Hija kienet qed ittir.

"Isa haffef, jew ser tittardja," qaltlu Sim. "Uza gwenhajk. Isa tir!"